25 JUN 2025

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## ID-DISA' LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 614**

**Il-Ħamis 22 ta' Mejju, 2025**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq iċ-Ċawsli, Ħaż-Żabbar fis-6.15 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Jorge Grech - Sindku
Mark Grech – Kunsillier
Joseph Buttigieg - Kunsillier
Anna Calleja – Kunsilliera
Leone Sciberras - Kunsillier
Martina Baldacchino - Kunsilliera
Carlo Scicluna - Kunsillier
Joseph Agius – Kunsillier
Patrick Barbara – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Marc Vella Bonnici – Viċi Sindku
Toshera Schembri - Kunsilliera

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Stephanie Testaferrata de Noto – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

### 614.1 Qari tal-ittri t'apoloġiji

614.1.1 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mill-Viċi Sindku u mis-Sinjorina Toshera Schembri fejn talbu li jkunu skużati milli jattendu għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li l-Viċi Sindku u s-Sinjorina Toshera Schembri jkunu skużati.

### 614.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti

614.2.1 Fis-6.20 ta' filgħaxija is-Sur Carlo Scicluna daħal għal-laqgħa.

614.2.2 Is-Sur Leone Sciberras talab sabiex fil-minuti tal-laqgħa preċedenti jitniżżel li hu kien talab laqgħa mas-Sindku sabiex jiġi diskuss il-proġett relatat mal-applikazzjoni għall-iskema ta' finanzjament.

614.2.3 Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-minuti tas-613-il laqgħa ġew unanimament approvati, kif emendati.

### 614.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

614.3.1 Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza uffiċjali mibgħuta mill-Għaqda Pellegrinaġġ Muturi u Roti Ħaż-Żabbar li fiha ġie notifikat li, bħal kull sena, l-għaqda ser torganizza l-pellegrinaġġ annwali bħala parti mill-Festa tal-Madonna tal-Grazzja f'Ħaż-Żabbar. L-attività hija skedata għal nhar il-Ħadd 14 ta' Settembru 2025 u ser tibda mill-parkeġġ tal-Imdina għall-ħabta tad-9:00 ta' filgħodu, bi pjan li tgħaddi mingħajr waqfien sabiex ma tikkawżax tfixkil għat-traffiku u t-trasport pubbliku. Barra minn hekk, nhar il-Ħadd 7 ta' Settembru 2025 ser isir ukoll il-pellegrinaġġ tat-tfal li jibda minn Triq Alessio Erardi, Ħaż-Żabbar u jkompli lejn is-Santwarju. Is-Sindku rrefera wkoll għall-korrispondenza mibgħuta mill-Kummissjoni Festa Esterna tal-Parroċċa tal-Madonna tal-Karmnu, Fgura, li fiha ġie mitlub permess sabiex Triq il-Kunsill tal-Ewropa tingħalaq temporanjament għat-traffiku minħabba ħruq ta' logħob tan-nar tal-ajru bħala parti mill-festa. Fuq proposta tas-Sindku, li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jinħarġu n-*no objections* għal dawn iż-żewġ attivitajiet, sabiex l-organizzaturi jkunu jistgħu jipproċedu bl-applikazzjonijiet neċessarji mal-pulizija u ma' Transport Malta.

614.3.2 Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza mibgħuta mir-Reġjun Port, li fiha ġie notifikat li fuq proposta tal-Kunsill Lokali tal-Birgu waqt laqgħa reġjonali, u li kienet appoġġjata unanimament, ir-Reġjun ser jissieħeb fin-Network *European Holy Week and Easter Celebrations*, bl-iskop li jingħata dimensjoni internazzjonali lill-attivitajiet relatati mal-Ġimgħa l-Kbira u l-Għid il-Kbir li jiġu ċċelebrati fil-lokalitajiet tar-Reġjun. Il-Kunsill ġie mitlub jimla formola biex jipprovdi l-informazzjoni sabiex l-applikazzjoni tkun waħda ta' suċċess, fid-dawl li l-Kunsill Lokali tal-Birgu huwa diġa membru ta' dan in-*network*. Fuq proposta tas-Sindku, li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jappoġġja u jissieħeb f'din l-inizjattiva u jikkontribwixxi b'mod attiv għall-applikazzjoni kollettiva mar-Reġjun.

614.3.3 Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza mibgħuta mingħand resident li rrefera għall-ittri tal-avukat tiegħu tal-5 ta' Frar 2021 u tat-30 ta' Ġunju 2021, l-ittra tal-perit tiegħu

tat-3 ta' Ġunju 2021, kif ukoll ittra mibgħuta minnu stess fit-28 ta' Mejju 2023. Ir-resident tenna li l-ħsara fuq iċ-ċint ta' tliet filati tad-dar tiegħu fi Triq il-Ward kienet qed tiżdied u għaldaqstant reġa' talab li s-siġar jitneħħew u jitħawlu f'post ieħor u minflokom jitħawlu siġar li ma jagħmlux ħsara. Is-Sindku spjega li r-resident kien qed jallega li s-siġra taż-żebbuġ kienet qed tikkawża ħsarat liċ-ċint ta' proprjetà privata fi Triq il-Ward. Minflok ma tiġi kkunsidrata t-tneħħija tas-siġra, is-Sindku propona li jitwettaq intervent ta' tiswija u rikostruzzjoni taċ-ċint, bl-assistenza tal-ħaddiema tar-Reġjun Port. Is-Sur Leone Sciberras qal li dan l-intervent ma jindirizzax il-problema tal-għeruq tas-siġra. Is-Sindku spjega li se jitwettaq studju sabiex tiġi ndirizzata l-kwistjoni u tinbena struttura li tkun adegwata għall-għeruq tas-siġra li hemm bħalissa. Is-Sinjorina Martina Baldacchino issekondat il-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament li minflok jaqla' is-siġra jiġi rranġat iċ-ċint.

614.3.4 Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza mibgħuta mingħand Żabbar Dilettanti Ħamiem tal-Ġiri, fejn intalbet il-kollaborazzjoni tal-Kunsill biex tiġi organizzata *presentation night* fit-12 ta' Ġunju sabiex jiġu ppreżentati trofew lir-rebbieħa tal-kompetizzjoni. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Charlie Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li tiġi organizzata *presentation night* bil-kollaborazzjoni ma' Żabbar Dilettanti Ħamiem tal-Ġiri u jixtri t-*trophies*.

614.3.5 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-ġimgħa d-dieħla s-Segretarju Parlamentari għax-Xogħlijiet Pubbliċi l-Onorevoli Omar Farrugia, ser jagħmel żjara fuq il-post biex jara x-xogħlijiet li saru mid-Dipartiment għax-Xogħlijiet Pubbliċi fi Sqaq il-Misraħ, Ħaż-Żabbar. Is-Sindku spjega li fl'imsemmi sqaq ser isiru interventi infrastrutturali li jinkludu s-sostituzzjoni tas-servizzi, tqegħid ta' konkos ġdid u l-applikazzjoni ta' kisja ta' konkos b'*imprint*.

614.3.6 Is-Sindku rrefera għad-deċiżjoni li ttieħdet fil-laqgħa preċedenti dwar is-sejħa għall-offerti ZLC 3/2024R li kienet relatata mat-tisbieħ ta' Ġnien il-Mistrieħ. Is-Sindku fakkar lill-membri li fid-dawl tan-nuqqas ripetut tal-operatur magħżul, is-Sur Dennis Scicluna, li jippreżenta l-garanzija bankarja u d-dokumenti amministrattivi meħtieġa fiż-żmien stipulat, il-Kunsill kien approva unanimament li jirrevoka l-għażla tiegħu u jagħti l-kuntratt lit-tieni offerta teknikament konformi, Derek Garden Centre, għall-prezz ta' €138,929.05 eskluż il-VAT. Is-Sindku nforma wkoll li bħala segwitu għad-deċiżjoni tal-Kunsill, l-isem tal-offerent rebbieħ ġie aġġornat uffiċjalment mis-Sur Dennis Scicluna għal Derek Garden Centre fis-sistema *EPPS*. Barra minn hekk, intbagħtet ittra rreġistrata u *email* lis-Sur Scicluna biex jiġi nformat dwar ir-revoka tal-għażla, iżda l-ittra rreġistrata ġiet ritornata bħala *unclaimed*. Fid-dawl ta' dan, ser jintalab parir legali mingħand l-avukat tal-Kunsill sabiex jiġu evitati kawżi legali bla bżonn.

614.3.7 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali kien laqa' it-talba biex il-Kunsill jimpjega *Administration Officer* 11 (Skala 10) fuq bażi *full-time*. Għalhekk, hija talbet li jinħatar Bord tal-Għażla responsabbli mill-proċess tal-għażla sabiex eventwalment iressaq ir-rakkomandazzjoni tiegħu għad-deċiżjoni finali tal-Kunsill. Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sinjorina Martina Baldacchino, il-Kunsill qabel unanimament li jinħatar Bord tal-Għażla għall-Ingaġġ ta' *Administration Officer 11* (Skala 10)

kompost mis-Sindku bħala *Chairman* tal-Bord, mis-Segretarju Eżekuttiv, mis-Sinjura Anna Calleja, mis-Sur Joseph Agius u mis-Sur Leone Sciberras.

614.3.8 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li bħalissa għaddejjin xogħlijiet fil-*playing field* Ġnien Tamara Psaila relatati mat-tiswija tal-*insitu rubber* u l-futbol *pitch*, u spjega li t-*turf* li kien inxtara mill-Kunsill għall-*pitch* mingħand The St Patrick Nursery issa sar bla użu, peress li l-Kunsill iddeċieda li l-pitch isir bl-*insitu rubber*. Is-Sindku rrimarka li kien hemm interess minn terza persuna sabiex tixtri dan it-*turf*, u għaldaqstant issuġġerixxa li l-Kunsill jikkunsidra li jbiegħu sabiex jirkupra xi fondi minflok jiddisponi minnu. Is-Segretarju Eżekuttiv irrimarkat li, qabel jittieħdu passi biex jiġi mneħħi mill-*Fixed Assets Register*, jeħtieġ l-approvazzjoni tal-Kunsill u li qabel isir xi bejgħ kienet ser tiċċekkja l-proċeduri applikabbli. Is-Sur Carlo Scicluna ssuggerixxa li t-*turf* jista' jintuża f'xi *soft area* jew fil-Park San Klement minflok jinbiegħ jew jintrema, filwaqt li s-Sinjura Anna Calleja staqsiet jekk it-*turf* jinsabx fi stat tajjeb. F'dan ir-rigward, is-Sindku ppropona li t-*turf* jintuża għall-proġett fejn ser isir ir-*recovery room* għall-qtates.

614.3.9 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li l-latrina pubblika ta' Ġnien il-Kunsill bħalissa qed tinfetaħ u tiġi operata mid-Dipartiment tal-Indafa Pubblika iżda għalissa hemm aċċessibbli biss il-latrina tal-irġiel. Dan minħabba li meta l-Kunsill kien ser jiftaħ il-latrina pubblika, ġie nnutat li kien hemm ħsara fis-saqaf u daħal ilma li kkawża ħsara estensiva fis-suffett tal-latrina tan-nisa. Sabiex il-latrina tan-nisa tkun tista' terġa' tinfetaħ u topera fl-iqsar żmien possibbli, is-Sindku spjega li kien talab is-servizz biex jitneħħa l-*membrane* antik li hemm fuq il-latrini u fuq il-kmamar tal-Kunsill, issir tiswija tas-suffett tal-latrina tan-nisa, jinżebagħ is-suffett tal-latrina tal-irġiel u jitneħħew iż-żewġ tankijiet tal-ilma u jsir tank wieħed ġdid. Is-Sindku żied jgħid li l-latrina tan-nisa mistennija tibda topera fil-jiem li ġejjin u l-ispiża tal-*waterproofing* u l-installazzjoni tat-tank u l-*fittings* ser tiswa €5,075. Is-Sur Joseph Agius staqsa jekk sarx il-bejt kollu u s-Sindku qal li sar biss is-saqaf tal-kmamar tal-Kunsill. Dwar il-latrina pubblika li tinsab ħdejn l-għassa tal-pulizija s-Sindku qal li l-Kunsill għadu qed jistenna lill-Korporazzjoni Enemalta sabiex tinstalla l-*meter* tad-dawl, u ladarba dan isir ikun jonqos biss xi affarijiet żgħar biex din ukoll tibda topera.

614.3.10 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li kienet saret is-sottomissjoni tal-applikazzjoni taħt l-iskema ta' finanzjament SPI.SCI.02.2025 - Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2025.2026, filwaqt li fil-ġranet li ġejjin ser jiġu sottomessi wkoll żewġ applikazzjonijiet oħra, waħda taħt SPI.SCI.05.2025 – Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Karnival 2026 u oħra taħt SPI.SCI.04.2025 - Espressjoni ta' Interess - Milied 2025. Fid-dawl ta' dawn l-applikazzjonijiet, is-Sindku ta dettalji dwar l-attività tal-Milied li l-Kunsill qed jippjana li jorganizza. Is-Sindku spjega li din ser tittella' fil-5 ta' Diċembru 2025 u f'każ ta' maltemp l-attività ser tiġi posposta għas-6 ta' Diċembru 2025. L-attività ser tkun relatata mal-mixegħla uffiċjali tad-dwal dekorattiv tat-toroq tal-Milied u tinkludi parteċipazzjoni ta' kor li ser idoqq għanjiet tal-Milied, attivitajiet għal tfal u *Christmas Market*. Madankollu, is-Sindku ċċara li din l-attività ser issir biss jekk l-applikazzjoni ta' finanzjament tiġi approvata. Is-Sur Leone Sciberras qal fil-5 ta' Diċembru huwa Jum Dinji ddedikat lill-Persuni b'Diżabilità u staqsa jekk l-attività setgħetx tittella' f'jum alternattiv. Is-Sindku spjega li filwaqt li huwa japprezza bis-sħiħ il-valur ta' din il-ġurnata, kienet diġà saret verifika mal-Kunsilli ġirien sabiex jiġi evitat li jiġu organizzati attivitajiet

simili fl-istess data, u għalhekk kienet ġiet magħżula dik id-data b'kunsiderazzjoni għal dan il-kuntest. Is-Sindku qal li l-Kunsill jista' jorganizza xi attività oħra relatata mal-persuni b'diżabilità filgħodu jew f'ħin ieħor matul l-istess jum. Is-Sinjura Anna Calleja fakkret ukoll li fl-20 ta' Novembru jiġi ċċelebrat Jum It-Tfal u talbet lill-Kunsill sabiex jikkunsidra l-organizzazzjoni ta' attività speċifika f'dan il-kuntest. Is-Sindku talab lis-Sinjura Calleja tressaq din il-proposta aktar 'il quddiem matul l-istess laqgħa sabiex tkun diskussa aktar tard.

614.3.11 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti dwar l-attività li kienet oriġinarjament ippjanata għall-okkażjoni tal-Imnarja u spjega li din kienet ukoll diskussa mas-Sur Carlo Scicluna. Is-Sindku spjega li kien għamel kuntatt mal-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Indafa Pubblika sabiex jiddiskuti l-possibbiltà li l-attività tal-Imnarja tiġi integrata mal-attività Festa tal-Familja li ser issir fil-Park San Klement nhar l-1 ta' Awwissu 2025. Is-Sindku qal li l-intenzjoni hi li l-attivitajiet li l-Kunsill kien ser jorganizza għall-Imnarja, fosthom l-għana u l-attivitajiet kulturali, jiġu integrati mal-attivita' Festa Familja u li l-finanzjament kollu meħtieġ għal dan l-avveniment ser jiġi kopert mill-istess Ministeru mingħajr ebda spiża fuq il-Kunsill. Barra minn hekk, is-Sindku qal li bħala parti mill-programm tal-Festa Familja, huwa kien ippropona li tittella' wkoll tiġrija bir-roti fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa.

614.3.12 Is-Sindku nforma lill-membri dwar talba mibgħuta mill-*Malta Football Association (MFA)* b'rabta ma' inizjattiva speċjali li qed tiġi organizzata bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet tal-125 anniversarju tal-MFA. L-inizjattiva, li qed tiġi kkoordinata mill-Kumitat għall-Kompetizzjonijiet u Attivitajiet Domestiċi, għandha l-għan li terġa' tqajjem it-tradizzjoni maħbuba tal-logħob tal-futbol fit-toroq u li ssaħħaħ l-ispirtu komunitarju. Is-Sindku qal li din l-attività ser tiġi organizzata fi Triq Alessio Erardi f'Ħaż-Żabbar nhar il-Ħadd, 15 ta' Ġunju 2025 f'Jum il-Missier. L-MFA talbet gwida dwar il-permessi neċessarja kif ukoll awtorizzazzjonijiet oħra tal-Pulizija u ta' Transport Malta. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jikkollabora mal-MFA fl-organizzazzjoni ta' dan l-avveniment, u indika li l-ispiża tal-Kunsill tkun limitata għall-provvediment ta' żewġ *toilets* mobbli, ambulanza u l-provvista ta' dawl. Is-Sur Leone Sciberras staqsa dwar il-possibbiltà li jinvolvu wkoll persuni b'diżabilità f'din l-attività. Is-Sindku wieġeb li ser jistaqsi lill-organizzaturi jekk din l-inklużjoni hijiex possibbli. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Leone Sciberras, il-Kunsill qabel unanimament li jorganizza din l-attivita' b'kollaborazzjoni mal-MFA u jiffinanzja l-ispiża tal-*mobile toilets*, l-ispiża tal-ambulanza u jipprovdi s-servizz tal-elettriku matul din l-attivita'.

614.3.13 Fis-7.00 ta' filgħaxija is-Sur Mark Grech talab li jkun skużat.

614.3.14 Is-Segretarju Eżekuttiv resqet quddiem il-Kunsill ir-Rapport tal-Awdituri għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2024 flimkien mal-Ittra ta' Direzzjoni u kopja tat-tweġiba għall-punti mqajma f'din l-ittra. Kopja ta' dawn id-dokumenti ngħatat lil kull membru tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sinjorina Martina Baldacchino, il-Kunsill approva unanimament ir-risposta għall-Ittra ta' Direzzjoni.

### 614.4 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

614.4.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn it-22 t'April 2025 u t-22 ta' Mejju 2025 li kienet tammonta għal €65,142.95. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li jħallas lis-Sur Steve Camilleri għax-xogħol tal-*waterproofing* li għamel li fuq il-latrini pubbliċi fi Ġnien il-Kunsill li jammonta għal €5,075.

614.4.2 Is-Sinjura Anna Calleja talbet lis-Sindku sabiex jippreżenta rendikont relatat mal-attività tal-*Coffee Morning* li sar fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm. Is-Sindku spjega li l-Kunsill għadu ma rċeviex il-kontijiet kollha relatati ma' din l-attività u għalhekk il-preparazzjoni tar-rapport finanzjarju għadu mhux finalizzat. Is-Sindku żied jgħid li kopja tar-rendikont kien ser jiġi ċċirkulat permezz ta' email hekk kif jitlesta.

614.4.3 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti dwar iż-żjara uffiċjali li saret mid-delegazzjoni Żabbarija fil-belt ta' Eschborn, il-Ġermanja, fejn flimkien mas-Sur Carlo Scicluna u mas-Segretarju Eżekuttiv attenda għall-attivitajiet marbuta mal-festi ta' Eschenfest. Is-Sindku qal li l-Kunsill ser jibgħat stedina uffiċjali lid-delegazzjoni Portugiża minn Póvoa de Varzim kif ukoll lid-delegazzjoni Ġermaniża minn Eschborn, sabiex jattendu għall-festa titulari tal-Madonna tal-Grazzja f'Ħaż-Żabbar. Is-Sindku spjega li s-Sindku ta' Eschborn mhux ser ikun jista' jattendi minħabba l-elezzjonijiet Muniċipali li ser isiru fl-14 ta' Settembru 2025 fil-belt ta' Eschborn, fejn għandu jiġi elett Sindku ġdid. Madankollu, huwa mistenni li Eschborn tkun xorta rappreżentata minn membri oħra tal-Kunsill Lokali. Is-Sindku semma wkoll li mistenni jkun hemm bidla fil-kariga ta' Sindku fil-belt ta' Póvoa de Varzim minħabba li s-Sindku preżenti ser ikun qed itemm il-kariga tiegħu. Is-Sindku semma wkoll li din is-sena jaħbat il-25 anniversarju tal-ġemellaġġ bejn il-Kunsill ta' Ħaż-Żabbar u dak ta' Eschborn. Is-Sindku żied jgħid li minkejja li l-Kunsill għandu ftehim ta' ħbiberija mal-belt ta' Montgeron fi Franza, qatt ma ntbagħtu stediniet formali bejn iż-żewġ lokalitajiet. Madankollu, waqt iż-żjara tiegħu f'Eshborn, ġew diskussi diversi proġetti potenzjali ta' koperazzjoni u s-Sindku ta' Montgeron stiednet lill-Kunsill sabiex iżur Montgeron f'Ottubru li ġej. L-iskop ta' din iż-żjara tkun li jiġu diskussi skambji bejn iż-żewġ komunitajiet, fosthom opportunitajiet għaċ-ċiklisti Żabbarin sabiex jipparteċipaw f'attivitajiet sportivi fi Franza. Is-Sindku spjega li diġa jeżisti ftehim ta' ħbiberija bejn il-Kunsill u Montgeron u ssuġerixxa li l-Kunsill jikkunsidra li jġedded ir-relazzjoni ma' Montgeron permezz ta' ftehim ta' ġemellaġġ formali. F'dan ir-rigward, is-Sindku ppropona sabiex hekk kif tintalab formalment stedina mingħand il-Kunsill ta' Montgeron għal ġemellaġġ, il-Kunsill ta' Ħaż-Żabbar jiskatta l-proċess neċessarju biex jinkiseb l-approvazzjonijiet uffiċjali mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, mill-Ministeru għall-Affarijiet Barranin, kif ukoll mill-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u Gvern Lokali. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li skont ir-regolamenti finanzjarji li jirregolaw l-iskambji internazzjonali, l-infiq massimu approvat għal dan l-iskop huwa ta' €3,500 jew 0.5% tal-allokazzjoni finanzjarja tas-sena rispettiva, liema minnhom tkun l-ogħla. Is-Sinjura Anna Calleja ssekondat il-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament. Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li l-Kunsill ma kienx f'pożizzjoni li jipparteċipa fl-iskambju tal-artisti fil-Portugal minħabba li ma nstabux artisti lokalment li setgħu jipparteċipaw. Dan kien dovut għall-fatt li ma kienx hemm biżżejjed żmien biex jinstabu l-istudenti. Barra

minn hekk l-istudenti Maltin tal-età ta' bejn il-15 u s-17-il sena kienu għadhom fi stadju bikri tal-kurrikulu tagħhom u kienu għadhom qed jużaw il-lapsijiet flok il-pniezel. Is-Sindku kompla jgħid li matul iż-żjara fil-Ġermanja ġew diskussi numru ta' proposti, fosthom il-possibbiltà li ċiklisti Żabbarin jipparteċipaw fit-tiġrija tar-roti li ssir f'Eschborn. Is-Sindku qal li l-Kunsill jista' jipparteċipa f'dan l-avveniment mingħajr ebda spiża finanzjarji. Barra minn hekk, ġiet diskussa l-possibbiltà ta' skambju sportiv bejn għawwiema minn Eshborn u minn Ħaż-Żabbar, fejn grupp ta' għawwiema minn Ħaż-Żabbar jittrenjaw fil-pixxina f'Eschborn u viċi versa, grupp minn Eschborn fil-faċilitajiet sportivi fil-kumpless sportiv ta' Bormla. Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet jekk il-Kunsill hux ser ikun mitlub jassumi xi spejjeż relatati ma' dawn l-iskambji. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill ikun responsabbli biss mill-koordinazzjoni u l-preparamenti amministrattivi, iżda mhux se jkun hemm impatt finanzjarju fuq il-Kunsill. Fost proposti oħra, ġiet ukoll esplorata l-possibbiltà li tiġi organizzata attività fis-*shooting range* f'ta' Kandja, u li grupp minn Malta jattendi għal attivita' simili f'Eshborn. Is-Sinjura Anna Calleja ssuġġeriet li fejn hu possibbli, il-parteċipanti f'dawn l-attivitajiet jiġu magħżula minn fost ir-residenti Żabbarin. Is-Sindku qal li sakemm il-parteċipanti jkunu qed jassumu l-ispejjeż tagħhom stess, m'hemmx oġġezzjoni li persuni minn barra l-lokal jingħaqdu, iżda l-prijorità ser tingħata liż-Żabbarin.

**614.5 Nuqqas ta' attendenza mill-Kunsillieri**

614.5.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi l-Viċi Sindku naqas milli jattendi għal erba' laqgħat konsekuttivi tal-Kunsill li saru fl-aħħar sitt xhur (mit-28 ta' Ottubru 2024 sal-21 ta' April 2025). Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li l-assenza Viċi Sindku kienet għal raġuni ġustifikata u għalhekk il-Kunsill għandu jitlob li l-post Viċi Sindku ma jiġix dikjarat vakanti.

614.5.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi s-Sinjorina Toshera Schembri naqset milli tattendi għal erba' laqgħat konsekuttivi tal-Kunsill li saru fl-aħħar sitt xhur (mill-4 ta' Novembru 2024 sat-22 ta' Mejju 2025). Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li l-assenza tas-Sinjorina Toshera Schembri kienet għal raġuni ġustifikata u għalhekk il-Kunsill għandu jitlob li l-post tas-Sinjorina Toshera Schembri ma jiġix dikjarat vakanti.

**614.6 Minuti tal-laqgħa annwali**

614.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv resqet quddiem il-Kunsill il-minuti tal-Laqgħa Annwali li saret nhar it-Tnejn, 14 t' April, 2024. Il-minuti ġew approvati unanimament fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius.

**614.7 Talba għal rimbors dwar ħsarat fil-vetturi**

614.7.1 Ma kienx hemm talb għal rimbors dwar ħsarat fil-vetturi

**614.8 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

614.8.1 Is-Sur Joseph Buttigieg qal li l-kuntrattur responsabbli mit-tisqija u ż-żamma tal-manutenzjoni tas-*soft areas* ma kienx qed iwettaq dmirijietu kif suppost. Is-Sur

Buttigieg spjega li l-qsari fi Triq tal-Labour kienu fi stat mhux xieraq, mimlijin bi fliexken u karti, u l-pjanti kellhom bżonn it-tisqija.

614.8.2 Is-Sur Joseph Buttigieg ressaq ilment li kien irċieva mingħand ir-residenti dwar il-kuntrattur responsabbli mit-toroq mhux urbani. Is-Sur Buttigieg spjega li l-kuntrattur qata' il-ħaxix fi Trejqet Wied ta' Mazza iżda ma qatax il-ħaxix kollu tat-triq, speċjalment fil-parti fejn hemm il-mastrudaxxa.

614.8.3 Is-Sur Joseph Buttigieg, li kien preżenti f'laqgħa mas-surmast tal-iskola, qal li s-surmast irrimarka li l-Kunsill kellu jipprovdi l-faċilità tal-grawnd tal-futbol ta' Ġnien il-Kunsill għat-tfal tal-iskola, iżda dan qatt ma ġie pprovdut. Is-Sur Buttigieg staqsa jekk ix-xogħlijiet fil-grawnd humiex lesti. Is-Sindku qal li għad fadal xi miżuri ta' sigurtà li jridu jitlestew, u żied jgħid li qabel ma' l-istudenti jużaw il-grawnd, dan għandu jiġi ċċertifikat minn uffiċjal kompetenti tas-Saħħa u s-Sigurtà. Is-Sur Carlo Scicluna staqsa jekk wara t-tlestija tax-xogħlijiet, il-grawnd hux ser jerġa' jiġi miftuħ għall-pubbliku. Is-Sur Buttigieg qal li fil-passat il-Kunsill kien jikri l-grawnd.

614.8.4 Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk Sqaq Lajri hux ser jingħata wiċċ ġdid. Is-Sindku wieġeb fl-affermattiv u spjega li l-isqaqien kollha nklużi fil-proġett ser jingħataw wiċċ ġdid wieħed wara l-ieħor. Madankollu, huwa ma setax jikkonferma data speċifika għax-xogħlijiet ta' Sqaq Lajri minħabba l-fatt li dawn l-isqaqien jinkludu diversi bokok ta' *shelters* u hemm il-possibiltà li jinstabu wkoll kantini li jistgħu jaffetwaw l-andament tal-proġett. Is-Sindku żied jgħid li Sqaq Lajri huwa wieħed mill-itwal u x-xogħlijiet se jsiru f'koordinazzjoni mal-perit tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet skont kif jimxi l-andament tax-xogħol. Is-Sur Carlo Scicluna esprima t-tħassib tiegħu dwar l-effettività tal-kuntratturi u qal li jittama li ma jsirx bħalma ġara fi Triq il-Kbira, fejn ix-xogħol dam disa' xhur biex tlesta. Is-Sindku qal li l-proġett fi Triq il-Kbira kien wieħed ikkumplikat, peress li kellhom jaffaċċjaw diversi sfidi tekniċi u x-xogħol kellu jsir b'mod sekwenzjali. Is-Sindku żied jgħid li l-proġett kien jinvolvi wkoll il-bidla tas-servizzi kollha u ma setax isir b'mod frammentat minn diversi gruppi ta' ħaddiema fl-istess ħin. Is-Sur Carlo Scicluna qal li waqt ix-xogħlijiet f'dik it-triq kien hemm biss tliet ħaddiema fuq il-post. Is-Sindku kkonkluda billi qal li l-preżenza ta' ħafna ħaddiema fuq sit ma tfissirx bilfors li x-xogħol isir b'aktar effiċjenza jew aktar malajr. Is-Sur Carlo Scicluna insista li jista' jkun li xogħlijiet differenti jsiru fl-istess ħin mingħajr ma jkollhom rabta bejniethom.

614.8.5 Is-Sur Joseph Buttigieg irrefera għat-talba li kien ressaq sabiex issir *U Bar* fi Triq il-Kbira minħabba li kien qed iżomm l-ilma quddiem ir-residenza. Is-Sindku qal illi kienet għada ma saritx il-laqgħa mal-perita ta' Transport Malta.

614.8.6 Is-Sur Joseph Buttigieg ippropona li tiġi ntrodotta sistema ta' *timed parking* fi Triq l-Iskola, fis-sezzjoni bejn Triq Tumas Dingli u Triq il-Vulcan, matul il-ħinijiet tad-dħul u l-ħruġ tal-iskola u fil-ġranet meta jkun hemm attività skolastika. Is-Sindku issekonda lis-Sur Buttigieg u l-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta.

614.8.7 Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet għaliex fi Triq id-Dukkar faċċata tal-ħanut tal-pizza kien hemm miżbugħa d-*double line*. Is-Sindku spjega li din il-miżura kienet ittieħdet sabiex il-vetturi kbar ikunu jistgħu jduru. Is-Sinjura Calleja rrimarkat li minkejja dan, xorta waħda qed jipparkjaw fuq id-*double line*. Fuq dan il-punt, is-Sindku qal li tali

każijiet jirrikjedu nfurzar. Is-Sinjura Anna Calleja żiedet tgħid li f'ħafna mill-ħinijiet ma jkunux qed jgħaddu vetturi kbar.

614.8.8 Is-Sinjura Anna Calleja resqet suġġeriment li rċeviet rigward il-pubbliċità tal-attivitajiet tal-*coffee mornings* organizzati mill-Kunsill. Is-Sinjura Calleja qalet li jkun xieraq li, kull darba li tiġi organizzata waħda minn dawn l-attivitajiet, jitwaħħal *poster* f'kull *notice board* tal-Kunsill u jittella' avviż fuq il-paġna uffiċjali tal-midja soċjali tal-Kunsill sabiex jiġu nfurmati kemm jista' jkun nies. Is-Sur Carlo Scicluna ssuġġerixxa wkoll li l-*posters* jitqassmu fil-ħwienet tal-lokal bħala mezz ieħor ta' komunikazzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv irrimarkat li bosta ħwienet kienu jirrifjutaw li jwaħħlu *posters* fil-ħwienet tagħhom. Is-Sindku qal li ma jaqbilx li l-*posters* jitqassmu fil-ħwienet. Is-Sinjura Calleja talbet kjarifika dwar kif tintgħażel id-data tal-attivitajiet u jekk il-Kunsill għandux xi ftehim mal-għaqdiet jew soċjetajiet tal-lokal. Is-Sindku wieġeb li d-data tal-aħħar *coffee morning* kienet ġiet approvata matul laqgħa tal-Kunsill. Żied jgħid li, meta darba minnhom organizza attività u nzertat fil-ġurnata tal-Erbgħa, huwa iltaqa' mar-rappreżentanti tal-parroċċa u sar qbil li nhar ta' Erbgħa ma jsirux attivitajiet biex ma jkunx hemm kunflitt. Barra minn hekk, is-Sindku spjega li l-Kunsill normalment ikun infurmat dwar l-attivitajiet organizzati mill-każini tal-baned peress li dawn jiissottomettu applikazzjonijiet għal permessi lill-Kunsill. Għaldaqstant, jekk xi għaqda tonqos milli tinforma lill-Kunsill bid-data tal-attività tagħha, dik ir-responsabbiltà hi fuq l-għaqda stess u mhux fuq il-Kunsill. Is-Sindku sostna li kien sar jaf bil-kunflitt tad-data u, hekk kif sar jaf bl-attività, ikkuntattja lir-rappreżentanti tal-għaqda kkonċernata. Dawn qalulu li xorta kienu ser jipproċedu bl-attività tagħhom. Is-Sindku spjega li l-Kunsill kien diġà biegħ xi biljetti u għalhekk iddeċieda li jżomm mal-pjan oriġinali. Is-Sur Carlo Scicluna ssuġġerixxa li jkun hemm pjattaforma komuni fejn l-entitajiet kollha jistgħu jissottomettu l-kalendarju tal-attivitajiet tagħhom, sabiex jiġu evitati kunflitti futuri. Is-Sindku qal li jaf li l-ilment wasal mingħand il-Grupp tal-Armar tal-Festa u fakkar li matul ix-xahar t' April il-Kunsill kien talab laqgħa mal-Arċipriet, li hu wkoll il-president tal-istess grupp, iżda l-Kunsill ma rċieva ebda *acknowledgement* u lanqas risposta. Is-Sur Joseph Agius qal li l-Kunsill għandu jiddikjara b'mod ċar li m'hemm l-ebda impika mal-Grupp tal-Armar. Is-Sindku żied jgħid li għalhekk saret it-talba għal-laqgħa u li n-nuqqas ta' koordinazzjoni kien min-naħa tagħhom, għax fl-istess ġurnata saru żewġ attivitajiet separati mill-parroċċa. Is-Sinjura Anna Calleja qalet li kien hemm min qal li l-*coffee morning* sar fil-każin tal-PL f'Marsaxlokk. Is-Sindku ċaħad dan u kkonferma li l-attività saret f'*restaurant* u mhux fil-każin tal-PL. Is-Sinjura Calleja staqsiet jekk kif jitlesta r-rendikont, jekk il-Kunsill hux ser ikun jaf x'ser isir mill-flus li jkun baqa' wara li jitħallsu l-kontijiet kollha. Is-Sindku wieġeb fil-pożittiv. Is-Segretarju Eżekuttiv issuġġerit li r-rendikont għandu jiġi diskuss wara li jiġi preżentat.

614.8.9 Is-Sinjura Anna Calleja semmiet il-ħtieġa li jitneħħew ż-żewġ parkeġġi li hemm fil-bidu ta' Triq Alessio Erardi kif iddur minn Triq il-Lembija minħabba li qed joħolqu periklu għas-sewwieqa. Is-Sindku qal illi ser issir stop u *double yellow lines* fil-kantuniera.

614.8.10 Is-Sinjura Anna Calleja resqet ilment li rċeviet mir-residenti sabiex tiġi mwittija Misraħ San Nikola minħabba li nfetħu xi kanali wara li għamlet ix-xita u xi ħadd mela l-kanali bil-ġebel. Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet lis-Sinjura Calleja jekk hux qed

tirreferi għall-parkeġġ tal-vetturi li jsir fl-għalqa. Is-Sinjura Calleja wieġbet fil-pożittiv. Is-Sindku qal illi kien ser ikellem lil *Clean Malta* dwar dan.

614.8.11 Is-Sur Leone Sciberras talab lis-Sindku biex jagħtih kjarifika dwar il-laqgħa preċedenti, fejn intqal li huwa għandu jippreżenta l-ilmenti tiegħu b'aktar dettall u mhux b'mod vag. Is-Sur Sciberras stqarr li, sa fejn jaf hu, dejjem għadda l-ilmenti tiegħu b'mod dettaljat u inkluda wkoll l-ismijiet tat-toroq ikkonċernati. Is-Sindku wieġeb li s-Sur Sciberras kien qed jagħti wisq piż għal dak li qal, u kkonferma li kien talbu biex jippreżenta l-ilmenti b'mod aktar dettaljat. Is-Sur Sciberras insista li dan huwa evidenti anke fil-minuti, fejn l-ilmenti tiegħu kienu elenkati b'mod ċar. Is-Sur Sciberras ċaħad li qatt ma ppreżenta lmenti vagi jew mhux speċifiċi. Is-Sindku spjega li fil-minuti ma ntużatx il-kelma "vag", iżda kien hemm referenza li s-Sur Sciberras ġie mitlub jipprovdi aktar dettalji u mhux jikkomunika lmenti b'mod ġeneriku. Is-Sindku żied jgħid li s-Sur Sciberras seta' ikkontesta dak li ntqal u tkellem dak il-ħin stess u mhux iqajjem dan il-punt fil-laqgħa ta' wara. Is-Sindku enfasizza li hu normali li jitlob lil kull Kunsillier, ikun min ikun, sabiex jgħaddi lmenti b'mod dettaljat biex ikun jista' jittieħed azzjoni konkreta. Is-Sindku fakkar li kien hemm każ fejn is-Sur Sciberras għadda lment dwar *cover* ta' bozza, li mbagħad irriżulta li l-ilment ma kienx relatat ma' *cover* ta' bozza. Is-Sur Sciberras wieġeb li kien diġa kkoreġa lilu nnifsu dak il-ħin, wara li ġibditlu l-attenzjoni s-Segretarju Eżekuttiv. Barra minn hekk, is-Sur Sciberras spjega li l-ilment dwar it-tabella tal-*unloading* li ma kellhiex miktuba l-ħinijiet, huwa rrappurtah eżattament kif ġie riferut lilu mir-residenti. Is-Sindku qal li l-minuti jirriflettu dak li ntqal fil-laqgħa, u li kieku s-Sur Sciberras xtaq, seta' jagħti l-verżjoni tiegħu dak il-ħin stess, u kienet tiġi inkluża wkoll fil-minuti. Is-Sur Sciberras ikkonkluda li hu ma talabx korrezzjoni tal-minuti, iżda sempliċement kjarifika.

614.8.12 Is-Sur Leone Sciberras qal li ilu jitlob laqgħa mas-Sindku sabiex jiddiskuti proġett li kien qed jipproponi fi ħdan skema ta' finanzjament. Żied jgħid li ilu jistenna din il-laqgħa, iżda ma seħħitx. Is-Sur Leone Sciberras ppreżenta *project outline* tal-proġett propost waqt il-laqgħa, u spjega li ma setax jibgħatd-dokument qabel il-laqgħa għax kien għadu kif temmu dakinnhar. Is-Sindku nnota li l-proposti għall-proġetti m'għandhomx jitressqu fl-aħħar ħin, peress li għandu jkun hemm biżżejjed ħin biex jiġu evalwati qabel ma jiġu deċiżi. Is-Sur Sciberras wieġeb li għalhekk kien talab il-laqgħa miegħu biex ikun jista' jispjega u jiddiskuti l-proposta minn qabel u li kieku din il-laqgħa seħħet, forsi llum setgħet saret votazzjoni dwarha. Is-Sindku qal li għadu ma ltaqax miegħu minħabba impenn fuq proġetti oħra, iżda issa kien wasal iż-żmien li jiddiskutu l-proposta relatata ma' din l-iskema, wara li l-Kunsill ikkonkluda numru ta' skemi. Is-Sur Sciberras enfasizza wkoll li ilhom mill-aħħar ta' Novembru li kienu qablu li jiddiskutu l-konsultazzjoni pubblika relatata ma' inizjattiva oħra, iżda lanqas dik għadha ma ġiet indirizzata. Is-Sindku ppropona tliet dati biex issir il-laqgħa u talab lis-Sur Sciberras jagħżel liema waħda kienet l-aktar konvenjenti għalih. Is-Sur Sciberras talab lis-Segretarju Eżekuttiv tibgħatlu d-dati proposti biex ikun jista' jirrispondi. Is-Sur Sciberras staqsa kif ser jipproċedi l-proġett fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkostanzi u ta spjegazzjoni dwar l-abbozz tal-proġett li ressaq.

614.8.13 Is-Sur Leone Sciberras qal li matul l-aħħar laqgħa kien ressaq rapport dwar kaptell tad-drenaġġ imkisser fi Triq ix-Xgħajra, fil-viċinanzi ta' Triq in-Nevew. Huwa żied jgħid li sa llum dan il-kaptell għadu ma ġiex irranġat. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet ser terġa' tirrapporta l-każ sabiex jittieħdu l-miżuri meħtieġa.

614.8.14 Is-Sur Joseph Agius issuġġerixxa sabiex il-Kunsill jipprovdi t-trasport għall-anzjani sabiex ikunu jistgħu jattendu għall-attività XjenzAnzjan fl-Esplora *Interactive Science Centre*. Din l-attività hija mmirata speċifikament għall-anzjani u tinkludi sensiela ta' ħames taħditiet minn professuri distinti dwar suġġetti bħall-Intelliġenza Artifiċjali, id-Dimensja, il-Ġeografija, ir-Riċerka tal-Kanċer u s-Sostenibbiltà. Fuq proposta tas-Sur Agius li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill approva unanimament li jipprovdi t-trasport.

614.8.15 Is-Sinjura Anna Calleja talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex tiġi organizzata attività fl-okkażjoni ta' Jum it-Tfal, li ser jiġi ċċelebrat fil-20 ta' Novembru. Hija ssuġġeriet li l-attività ma ssirx matul il-ġimgħa. Is-Sindku talab lis-Sinjura Calleja tħejji proposta dettaljata relatata mal-attività sabiex tkun diskussa u approvata mill-Kunsill.

614.8.16 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill kien ser jistieden lill-Kunsill tat-Tfal sabiex jipparteċipaw b'mod attiv u jesprimu l-opinjonijiet tagħhom fuq suġġetti ta' interess għalihom u relatati mal-lokalità. Bħala parti minn din l-inizjattiva, is-Sindku ppropona li jiġi allokat perjodu ta' nofs siegħa apposta għalihom fil-bidu tal-laqgħa, immedjatament wara l-punt 'Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti'. Is-Sur Joseph Agius issekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta.

**614.9 Mozzjonijiet**

614.9.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**614.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

614.10.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta 24 ta' Ġunju, 2025 fis-6.00 ta' filgħaxija.

614.10.2 Il-laqgħa spiċċat fit-8.15 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA

Stephanie Testaferrata de Noto
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fis-615-il laqgħa li saret nhar it-Tlieta 24 ta' Ġunju, 2025.

IFFIRMATA

Jorge Grech
Sindku